MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 519/2001/1

**Avviz numru 519/2001DM**

**Fair & Exhibition Limited**

**Vs**

**Vogue Labels Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma komplessiva ta’ erba’ mija sebgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm 467.50c) bilanc fuq somma akbar rappresentanti l-hlas ghas-servizz moghti mis-socjeta` attrici fuq ordni taghhom stess u dana skond ma jidher

mill-'invoice' u mis-'Sales Ledger Report' annessi u mmarkati bhala Dok. 'A' u 'B'.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-9 ta' Marzu, 2001 kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa tibqa` ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat illi l-kumpanija konvenuta ghalkemm debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma baghtet l-ebda rapprezentant biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esibiti ssib ukoll illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' mija sebgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm467.50c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-14 ta' Dicembru, 1999; u

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------